MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

**It-Tnejn, 3 ta' Far, 2020**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| IS-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**12.1.1** Is-Sindku nforma lill-membri lis-Sur Gianluca Falzon jinsab rikoverat l-isptar minħabba nċident li kellu

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.



mm

### 12.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tal-11-il Laqgħa ġew approvati unanimament.

### 12.2.2 Korrezzjonijiet

**12.2.2.1** Minuta 11.2.2.1 – "egħlieqi" ssir "għelieqi"
Minuta 11.3.2 – "kwatazzjonijiet" ssir "kwotazzjonijiet"
Minuta 11.3.6 – "kien" issir "kienet"
Minuta 11.5.3 – wara 33 tiżdied "Triq Ġalanton Vassallo"
Minuta 11.6.1 – "appriasals issir "appraisals"
Minuta 11.10 – "kell" issir "kellu"

### 12.3 Punti mqajma mill-minuti

12.3.1 Minuta 11.3.7 – Is-Sindku informa lill-membri li l-laqgħa mal-Kuntratturi tal-iskart u l-knis saret fejn preżenti għal din il-laqgħa kien hemm l-Avukat tal-Kunsill. F'din il-laqgħa ġew diskussa l-problemi li l-Kunsill qed jaffaċċja dwar in-nuqqas ta' ġbir tal-iskart u l-knis li mhux qed isiru regolarment f'diversi toroq f'Santa Venera. F'din il-laqgħa ġie deċiż li l-Avukat tal-Kunsill kien ser jikteb uffiċjalment lill-Kuntratturi rispettivi dwar dan in-nuqqas.

F'diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill ġie deċiż sabiex fi Triq il-Kanun fejn hemm il-bring in sites titwaħħal CCTV camera oħra minħabba l-fatt li mhux qiegħed jinqabad kull min qiegħed imur jwaddab l-iskart bl-addoċċ. Is-Sindku informa lill-membri li qiegħed jagħmel tenttativ ma' LESA sabiex isir moniteraġġ ta' CCTV cameras minnhom stess u għaldaqstant ikunu f'pożizzjoni li jinfurzaw biex għaldaqstant dan l-abbuż jiġi mitigat.

12.3.2 Minuta 11.5.1 – Is-Sindku fakkar lill-membri li l-attivita' tal-Karnival ser issir it-Tnejn 24 ta' Frar bejn l-4:00pm u s-6:00pm fl-entratura ta' Istitut Apap.

12.3.3 Minuta 11.5.2 – Is-Sindku informa lill-membri, li ser jikteb lill-Infrastructure Malta sabiex il-Kunsill ikun jaf aktar fuq il-proġett li qed isir fi Triq il-Kanun.

12.3.4 Minuta 11.6.1 – **Performance Appraisals 2019**

**(a) Ħaddiema Klerikali tal-Kunsill**

Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju sabiex jippreżenta il-*bonus appraisal* tal-ħaddiema u wara li ġew analizzati u diskussi il-membri tal-Kunsill qablu kif ġej :

Is-Sur Carmel Busuttil għandu jingħata l-ammont ta' 6%
Is-Sa Annalise Mallia għandha tingħata l-ammont ta' 6%
Is-Sur Jordan Grech għandu jingħata l-ammont ta' 4%

**(b) Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku pprezżnta lill-membri *l-performance apprasial* tas-Segretarju Eżekuttiv għas-

sena 2019. Is-Sindku ppropona li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv għandu jingħata 10% dan minħabba l-ħidma kontinwa tiegħu sa minn meta kien assenjat ma' dan il-Kunsill.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

12.3.4 Minuta 11.6.2 – Is-Sindku staqsa fhiex wasal il-proċess tas-servizz tal-irmunkar. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa u rrimarka li l-Kunsill kien għadu qed jaħdem fuq l-espressjoni ta' interess. Apparti minn hekk is-Sindku qal li saret il-laqgħa mal-pulizija fejn ġew diskussa l-ilmenti ta' infurzar u abbuż li l-Kunsill qiegħed jirċievi. Is-Sindku talab lill-membri sabiex kull min ikollu ilmenti fuq infurzar jinfurmawh ħalli b'hekk ikun jista' jiddiskuti u jipproċedi mal-pulizija.

## 12.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.4.1 Dott. Carabott staqsa lis-Sindku fuq dawk it-tabelli li saru ħdejn il-MITA. Is-Sindku informa lill-membri li t-tabelli in kwistjoni twaħħlu minn *Infrastructure Malta* minħabba ix-xogħol li qed isir fi Triq il-Blata l-Kaħla.

12.4.2 Is-Sindku talab lis-Sur Silvio Vella sabiex jinforma lill-membri dwar ix-xelter. Is-Sur Silvio Vella qal li talab u qed jistenna l-kwotazzjonijiet. Ġie rrimarkat ukoll li l-ewwel ser isir l-asfaltar tat-triq kollha u wara jkun irid issir it-tqattigħ sabiex tinfetaħ il-bokka tax-xelter

12.4.3 Is-Sindku informa lill-membri dwar il-bieb ta' Triq l-Imsida fejn għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar it-trasferiment tat-titolu sabiex jekk dan it-trasferiment isir il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jagħmel ir-restawr fuq dan il-bieb.

12.4.4 Is-Sindku talab lis-Sur Silvio Vella sabiex jinforma lill-membri dwar il-monument tal-gwerra li jinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Sur Vella qal li x-xewqa tas-Sotto Kumitat tiegħu hija li isir monument ġdid fl-istess post fejn bħalissa qiegħed jiġi mfakkar. Intant ser jinġiebu disinji u kwotazzjonijiet. Huwa qal li jista' jkun hemm il-bżonn li l-*planter* li hemm bħalissa jkollha titressaq. Wara diskussjoni, Dott. Carabott qal li hu jħoss li din il-*planter* m'għandiex titneħħa.

12.4.5 Is-Sindku informa lill-membri li kif kien ġie approvat waqt is-97 Laqgħa li kienet saret fl-10 ta' Diċembru 2018, l-Kunsill ser japplika għan-*Norwegian funds* b'permezz tal-MEUSAC. Is-Sindku qal li ser isir proġett fir-Razzett ta' Ġnien Romeo Romano fejn uħud mill-kmamar ikunu trasformati fejn ikunu jisgħu isir taħriġ relatat mal-elettronika. Apparti minn hekk, ġie suġġerit ukoll tisbieħ tal-latrini li hemm biswit ir-razzett. Is-Sindku qal li l-istima kienet tlaħħaq is-somma ta' €560k iżda din kellha tkun riveduta u issa niżlet għas-somma ta' €116k. Biex issir l-applikazzjoni ser isir *survey* li jrid ikopri madwar 400 resident liema *survey* ser isir mill-MISCO. L-applikazzjoni għal dawn il-fondi trid tiġi sottomessa sas-27 ta' Frar 2020.

Saret diskussjoni wkoll fuq l-spezzjoni li trid issir fuq it-travi tar-razzett fi Ġnien Romeo Romano. Ġie deċiż sabiex tinħareġ work order hekk kif kien deċiż fl-laqgħa preċedenti. Filfrattemp, għar-rigward tas-saqaf tat-turretta ta Triq il-Kbira San Ġużepp kien hemm qbil sabiex l-avukat tal-Kunsill jibgħat ittra uffiċjali lill-Kummissarju tal-Pulizja minħabba l-istat li jinsab fih is-saqaf tat-turretta.

12.4.6 Is-Sindku informa lill-membri li fuq l-ingaġġ ta' *Senior Clerk* u l-*Assistant Principal* irċivejna applikazzjoni għal kull sejħa. Is-Sindku qal li minħabba is-sitwazzjoni tal-Kunsill iridu jsiru l-intervisti mmedjatament u f'dan ir-rigward hu ssuġġerixxa sabiex il-Bord tal-għażla jkun iffurmat mis-Sur Albert Cassar bħala chairperson u l-membri jkunu s-Sur Kursten Dimech, Dott Darren Carabott, is-Sur Edwin Cassar u s-Sur Anthony Azzopardi. Wara diskussjoni il-membri qablu ma' dak li ġie propost mis-Sindku.

**12.5 Rapporti/Korrispondenza**

12.5.1 Is-Sindku informa lill-membri li is-Sur Gianluca Falzon qed jissuġġerixxi sabiex isir fuljett relatat mal-Ġimgħa Mqaddsa fejn ikunu ddentifikati il-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira li jsiru f'Santa Veenra.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament ma' dan is-suġġeriment u ser ikun is-Sur Falzon sabiex jikkordina dan il-*booklet*.

12.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li rċieva talba mingħand l-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju sabiex it-tappieri li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp għan-nar tal-art jitmexxew aktar 'il fuq jiġifieri li n-nar tal-art isir kollu minn Triq il-Kbira San Ġuzepp (in-naħa tal-Uffiċċju tal-Kunsill) k/m Triq it-Turretta.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament

12.5.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sa Josette Zerafa fejn id-Djakonija ser torganiżża attivita fl-14 ta'Frar 2020 fid-9:30am u qeghdin jitolbu sabiex il-kunsill ikun ukoll parteċipi f'din l-attivita' u l-Kunsill jipprovdi l-*entertainment*.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament u ġiet ivvutata s-somma ta' €60

12.5.4 Is-Sindku informa lill-membri dwar l-iskema tal-għajnuna lill-Għaqdiet fejn b'kollox il-Kunsill iriċeva 5 applikazzjonijiet mingħand il-Kumitat Festi Esterni, il-Klabb tal-Boċċi, Scouts ta' Santa Venera, Mużew tal-bniet Santa Venera u Santa Venera Lightnings.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex dawn jintbgħatu lir-Regjun Ċentru sabiex inkunu nafu liema minn dawn l-kwotazzjonijiet tal-għaqdiet huma eligibbli sabiex jibbenifikaw minn din l-iskema.

12.5.5 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-*Head* tal-Iskola s-Sa Cynthia Aquilina fejn fuq din it-talba s-Sindku involva lis-Sa Courtney Farrugia flimkien mas-Sur Kursten Dimech minħabba li l-Kunsill tal-Istudenti ħarġu b'xi ideat u qed jitolbu l-għajunua tal-Kunsill fejn fost it-talbiet kienu li issir *walking bus,* isir tisbieħ fil-ġnien tal-iskola, isir tħawwil ta' pjanti, ikun hemm tisbieħ fil-facilitajiet tal-bitħa, donazzjonijiet ta' kotba u jsiru attivitajiet sportivi – logħob tradizzjonali.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil sabiex ninfurmawha li l-Kunsill qabel li jgħin fit-tħawwil tal-pjanti, fl-attivitajiet sportivi u f'attivita tal-iskola bil-possibilta' li jiġu nvoluti il-klieb tal-pulizija u dipartiment tal-protezzjoni ċivili.

12.5.6 Is-Sindku informa lill-membri li irċieva korrispondenza mingħand il-Missio Fest li ser issir maratona ġbir ta' fondi sabiex il-Kunsilliera jmorru jirrispondu telefonati tal-*pledges*. Din l-attivita' ser issir fl-14 ta' Marzu 2020.

12.5.7 Is-Sindku informa lill-membri li l-Scouts ser jorganizzaw attivita f'Misraħ Santa Venera l-Ħadd 9 ta' Frar fejn qed nkun qed inħheggu nies biex jgħatu d-demm. Għaldaqstant f'din l-attivita' qed ikun mitlub sabiex il-Kunsill ser jipprovdi *mobile toilets*. Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament.

## 12.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 12.6.1 *Contracts Manager*

Is-Sindku informa lill-membri dwar il-ħruġ tat-tender tal-Contract Manager. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie suġġerit sabiex fl-ispeċifikazzjonijiet ikun imniżżel li parti mix-xogħol irid ikun li jsiru *site plans* skont il-ħtieġa u jkun ukoll responsabbli mill-ilmenti li jsir skont dak li jiġi deċiż mill-Kunsill. Apparti minn hekk kien suġġerit sabiex ikun hemm parir legali fuq it-termini tat-*tender*.

Il-Membri qablu unanimament

### 12.6.2 Attivita' matul il-Ġimgħa l-Kbira

Is-Sindku informa lill-membri dwar il-ħsieb li bħal ma sar is-sena ta' qabel, issir *paegent* tal-Ġimgħa l-Kbira fi Ġnien Romeo Romano. Huwa spjega li f'din il-*paegent* jipparteċipaw atturi rinomati u l-istess kumpanija tieħu ħsieb l-armar u s-set up kollu ta' din l-attivita. Apparti minn hekk is-Sindku żied jgħid li minħabba l-preparamenti u minħabba l-apparat ikun hemm xi ġranet fejn il-ġnien mhux ser ikun jista' jitħalla miftuħ għall-pubbliku u fil-ħinjiet ta' meta ser tittella' din il-*paegent*.

Il-Kunsill irid ukoll jaħseb sabiex iħallas l-ispejjes tad-dawl, l-pa system u l-ġarr tal-apparat. Importanti wkoll li l-Kunsill jieħu ħsieb il-mobile toilets, servizz tal-ambulanza, banners u reklamar fuq facebook bil-possibilta li jsir ukoll riklam fuq l-istazzjon Nazzjonali. Għal din l-attivta, il-prezz ser ikun ta' €10 liema dħul imur għal kumpanija li qed tipprovdi l-atturi.

Is-Sindku ppropona din l-attivita' filwaqt lis-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku u l-Membri qablu unanimament.

## 12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti tas-sotto-Kumitati

## 12.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati għajr għal pagament lil Romina Frendo u dak lil Roccu Mifsud irid jitnaqqaslu d-*Default Notice* (dejjem skont ir-rapport tal-*Contracts Manager*).

## 12.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 4 sa 50.

| | |
|---|---|
| 4 | Transport Malta |
| 11 | Transport Malta |
| 18 | Ma tistax issir |
| 19 | Issir talba lill-VAT Dept. |
| 20 | Ħaddiema Assenjati |
| 21 | Jinġiebu l-firem tar-residenti li l-sleeping police ġejja quddiemhom |
| 22 | Hemm waħda ftit aktar 'l isfel |
| 25 | Ma jista jsir xejn jekk għandhom liċenzja mħallsa |
| 31 | B. Grima & Sons |
| 34 | Transport Malta |
| 35 | Ħaddiema Assenjati isir 1 kull 4 metri |
| 37 | Ħaddiema Assenjati |
| 38 | Ma tistax issir peress li m'hemmx bankina |
| 39 | Kunsill Lokali Ħamrun |
| 43 | Kien hemm qbil dwar dan |
| 44 | Iġġib ir-rapport li sar tal-Pulizjia u irċevuta fiskali |
| 45 | Jinġiebu tlett kwotazzjonijiet |
| 47 | Talba trid tiġi kjarifikata |
| 48 | Hemm waħda diġa fi Triq Brighella |
| 50 | Issir U bar b'permezz tal-ħaddiema assenjati |

## 12.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9:15 pm u ġiet aġġornata għad-9 ta' Marzu 2020, fis-6.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 9 ta' Marzu, 2020